**Lill-għażiż ħija Alfred**

Tnikkitt għażiż ħija Franġiskan b'mewtek
Wara ħajja mgħoddija f'qadi ħelu,
Lil Kristu li tant ħabbejt f'ħutek kollha
Idħol issa fis-sema 'l hinn mill-velu.

Ifaħħruk l-anġli fis-sema o ħija
Għall-imħabba li wrejt f'kull qadi tiegħek,
Jerfgħuk fuq spallejhom jeħduk għandu
Dak Alla li riddtu jkun dejjem miegħek.

San Franġisk ħuk u ħuna kemm jilqgħek
Wara l-mixja li għamilt ta' Franġiskan,
Fejn bil-ħajja sempliċi u ferħana
Int kont rappreżentant ta' Kristu Sultan.

Imħabbtek lejn il-poplu t'Alla kienet
Ta' faraġ u qawwa għal ħafna Maltin,
B'kelmtek u ħidmietek f'mergħat ħaddthom
Fejn fihom sabu t-tama w saru ħenjin.

Wirt sabiħ ħallejt mimli grazzja t'Alla
Dan hu li għalih tibqa' mfakkar f'kull żmien,
U lil Marija li int ħabbejt b'qalbek
Imxiet miegħek lejn is-Saltna bla tmiem.

Jalla min jiftakar fik iħoss f'qalbu
Li bħalek għandu jagħti ħajtu 'l-Mulej,
Għax dak tassew li jibqa' minn did-dinja
Il-bqija jintemm ħesrem qisu mhu xej'.

Itlob għalina mis-sema O Alfred
Waqt li għandna f'din id-dinja, il-Wied tad-Dmugħ,
Għax li jiswa mhux kemm flus qed inrekknu
Imma jekk se tkunx mifdija tagħna r-ruħ.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.